MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 12/2005/1

**George Xuereb ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Autopaint International**

**vs**

**Joseph Cassar**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Jannar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u tmintax –il Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu, (LM1,718.77,0), rapprezentanti materjal ghall-ispray tal-vetturi gia' mibjugh u kkonsenjat lilu mill-attur;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 16 ta' Dicembru tas-sena 2004 u bl-imghax mid-data tal-interpellanza tas-16 ta' Dicembru tas-sena 2004;

3. Illi l-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi mill-ammont reklamat mill-attur, il-konvenut jaccetta li huwa xtara u akkwista minghand l-attur merkanzija ghall-valur globali ta' erba' mija u disghin Lira Maltin, (LM490.00,0), u mhux izjed, stante li l-partijiet ftehmu sabiex ir-rimanenti merkanzija fil-pussess tal-konvenut tigi tikonsenjata lura lill-attur billi ma kinitx tal-kwalita' pattwita, illi baqa' ma gabarhiex;

2. Illi ghal dak li jikkoncerna l-merkanzija mixtrija fl-ammont ta' erba' mija u disghin Lira Maltin, (LM490.00,0), ukoll jigi eccepit illi din ma kinitx tal-kwalita' pattwita, izda lahqet git ikkunsmata qabel ma l-konvenut lahaq induna li ma kinitx tal-kwalita' pattwita;

3. Illi jigi rilevat fil-fatt illi l-kontrotalba kontestwali qed issir in vista tal-hsarat sofferti mill-konvenut bhala rizultat ta' l-uzu tal-merkanzija li ma kinitx tal-kwalita' pattwita;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, ukoll datata l-21 ta' Marzu tas-sena 2005 fejn min naha tieghu ukoll

hu ressaq lill-attur quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-konvenut, rikonvenzjonant, dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-qorti bhala danni kawzati mill-uzu taz-zebgha mibjugha mill-attur lill-konvenut illi rrizultat mhux tal-kwalita' pattwita;

2. Illi ghal finijiet ta' kompetenza, jigi dikjarat illi l-valur tal-prezenti kontrotalba huwa inferjuri ghas-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat datata l-1 t'April tas-sena 2005 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi, in linea preliminari, t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 1407 u/jew 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, in linea preliminari, it-talba hekk kif maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant ma hijiex cara u dana stante li huwa qed jghid is-segwenti; "Ihallas lill-konvenut attur rikonvenzjonali". Ghalhekk tali talba hija nulla stante li m'hux car ghal min qed tirreferi li ghandu jigi kkundannat ihallas in linea ta' danni;

3. Illi l-eccipjenti jeccepixxi illi l-merkanzija li giet ikkonsenjata lill-konvenut rikonvenzjonant mill-istess eccipjent kienet fil-fatt tal-kwalita' pattwita hekk kif se jigi ppruvat f'din il-kawza;

4. Illi l-eccipjent jeccepixxi illi kien il-konvenut-rikonvenzjonant li se mai ma segwiex l-istruzzjonijiet ta' kif kellu jhallat iz-zebgha u/jew hallat iz-zebgha mhux skond is-sengha u l-arti u b'hekk jekk sofra d-danni dawn huma imputabbli unikament lilu;

5. Illi l-eccipjent jeccepixxi illi, minghajr pregudizzju a suespost, il-konvenut rikonvenzjonant ma sofra l-ebda danni;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. illi l-attur huwa agent taz-zebgha u ta' l-ispray tal-karozzi;

2. Illi bejn l-attur u l-konvenut kien hemm relazzjoni kummercjali fejn l-attur kien iforni lill-konvenut biz-zebgha u l-ispray li kien jimporta biex jippermetti lil dan ta' l-ahhar jahdem ta' 'spray painter" u "panel beater";

3. Illi din ir-relazzjoni bejniethom kienet wahda li kienet ilha sejra diversi snin;

4. Illi matul din ir-relazzjoni qamu xi diffikultajiet u konsegwentement din ir-relazzjoni li kienet ilha sejra diversi snin twaqqfet hesrem;

5. Illi konsegwentement l-attur qed jallega li ghad ghandu jiehu minghand il-konvenut l-ammont indikat fl-avviz promotur u dan ghal materjal minnu kkonsenjat lill-konvenut kif ikkonfortat bid-dokumentazzjoni pprezentata fl-atti;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu, il-konvenut isostni in sintesi s-segwenti:

1. Illi jikkonferma li kien jixtri l-materja prima tieghu minghand l-attur u li kien ilu f'din ir-relazzjoni ghal perjodu twil;

2. Illi l-problemi kienu ta' natura ricenti meta wara li kien prejja xi vetturi bi spray fornit mill-attur, dawn il-vetturi beda mmedjatament ikollhom problemi bl-ispray fuqhom uzat;

3. Illi meta l-konvenut ilmenta ma' iben l-attur fir-rigward gie minnu infurmat li kellu jirranga l-hsarat ikkawzati u kien ser jigi debitament risarcit;

4. Illi ghalkemm il-konvenut effettwa x-xoghol riparatorju necessarju, pero' baqa' ma giex risarcit kif miftiehem;

5. Illi pero' fl-istess eccezzjonijiet tieghu isostni s-segwenti:

i. Illi xtara u rceva merkanzija ta' dan it-tip mill-attur fil-valur ta' erba' mija u disghin Lira Maltin, (LM490.00,0);

ii. Illi ghad ghandu jhallas dan l-ammont lill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi in sosten tat-tezi tieghu li l-materjal fornut mill-attur lill-konvenut kien materjal ta' kwalita', mhux kif allegat mill-istess konvenut, l-attur ta' struzzjonijiet biex l-istess materjal jigi analizzat xjentifikament minn persuna li hu hass li hi intiza fir-rigward;

Illi l-analizi riferut ikkonkluda li l-materjal uzat kien ta' livell accettabbli skond l-ispecifikazzjonijiet indikati;

Ikkunsidrat:

Illi mill-bqija, hadd mill-partijiet ma pprova dak minnhom allegat – la rigward il-kwantita’ ta’ materjal involuta; la danni sofferti; l adati ta’ xiri tal-materjal de quo ghall-fini ta’ preskrizzjoni;

Illi ghalhekk din il-qorti qed tirrespingi kull talba fornita mill-partijiet kontendenti fit-talbiet u kontro-talbiet taghhom, bl-eccezzjonijiet tal-fatt li ex admissis, il-konvenut isostni li ghad ghandu jhallas l-ammont ta’ erba’ mija u disghin Lira Maltin, (LM490.00,0), lill-attur;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant u l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat, kif ukoll filwaqt li tirrespingi parzjalment it-talbiet attrici, takkolji parzjalment it-talbiet attrici u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u:

1. Tordna lill-konvenut Joseph Cassar biex ihallas lill-attur George Xuereb l-ammont ta’ erba’ mija u disghin Lira Maltin, (LM490.00,0), rapprezentanti materjal ghall-ispray tal-vetturi mibjugh u kkonsenjat lilu;

2. Tordna wkoll lill-istess konvenut jirritorna l-materjal rimanenti li ghadu fil-pussess tieghu lill-istess attur;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenut skond il-ligi.”

Jidher li din is-sentenza ma ghogbot lill-ebda wiehed mill-kontendenti u t-tnejn li huma ressqu appell minnha biex jitolbu l-modifika taghha f’ dik il-parti li taghha huma jsostnu li dderivaw pregudizzju lill-interessi rispettivi taghhom. Effettivament iz-zewg kontendenti jispettaw illi

din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik ta’ l-ewwel Qorti billi ssostni l-gravami taghhom;

Bl-appell principali tieghu l-attur *nomine* jikkontendi bazikament dan li gej:-

(i) Ir-ragonament ta’ l-ewwel Qorti hu zbaljat fejn tenniet li huwa ma pprovax is-somma reklamata;

(ii) La ma rrizultax ftehim konkret illi huwa kellu jiehu lura l-konsenja li kienet ghadha disponibbli ghand il-konvenut, il-Qorti ma kellhiex tordna dan fil-parti disposittiva tas-sentenza. Meta ghamlet hekk hi marret *extra petita* in kwantu lanqas kien hemm talba *ad hoc* fl-avviz promotur;

Minn naha tieghu l-konvenut appella incidentalment biex jiccensura l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti t’ isfel bl-assunt illi huwa ressaq provi konklussivi dwar il-kwalita` difettuza taz-zebgha u tar-rizultati ottenuti bl-uzu taghha;

Brevement, ghal dawk li huma l-fatti sostanzjali tal-kaz l-atti processwali jipprovvdu dan il-kwadru:-

(1) L-attur *nomine* jghid li pprovvda zebgha lill-konvenut ghall-uzu ta’ *spray* tal-karozzi. Huwa pprovda wkoll *mixing machine*. Meta nsorgiet il-kwestjoni mal-konvenut hu ha lura din il-magna izda mhux ukoll iz-zebgha supplita ghax skond hu din ma kienetx il-prattika tieghu u, inoltre, ma kien hemm ebda ftehim fuq hekk;

(2) Huwa ma jillimitax ruhu ghal din in-negazzjoni biss ghax, difatti, jichad ukoll li l-prodott supplit kien ta’ kwalita` difettuza. Dejjem, skond Chris Xuereb, iben l-attur, il-problema kienet gejja minn naha tal-konvenut bl-uzu eccessiv minnu ta’ *thinner* mizjud mat-tahlita taz-zebgha;

(3) Il-konvenut, ghal kuntrarju, jaghti kwadru xort' ohra tas-sitwazzjoni minn dik ta' l-attur u ta' ibnu. Skond hu, il-ftehim kien li jhallas skond ma juza. Jiddikjara wkoll li kellu bosta ilmenti minn sidien tal-vetturi dwar il-*loss of shine* bil-*lacquer* adoperat. F' dan hu sostenut mill-espert kwalifikat imqabbad minnu li fir-rapport tieghu jafferma b' mod generali illi l-ilmenti konsegwiti mill-uzu tal-Auto Paint *lacquer* kienu mifruxa u mhux ristretti ghall-*garage* tal-konvenut. L-istess espert jeskludi illi l-eccess ta' l-applikazzjoni tat-*thinner* kien "*the exclusive cause of flaking*". Ara rapport tieghu a fol. 32 *et sequitur*;

(4) Dan l-istess xhud, imbaghad, ma jonqosx milli jirrimarka illi "*it is normal for paint suppliers to take back all remaining unmixed paint when a client terminates the contract and credit the client accordingly*". Skond hu, "*this is standard practise*";

Affermati fil-qosor dawn il-fatti kif johorgu mill-materjal istruttorju tal-kawza, l-ewwel dover ta' din il-Qorti in bazi ghall-impunjattivi devoluti lilha hi dik ta' l-interpretazzjoni tas-sentenza appellata. F' ezami bhal dan ghandu jittiehed kont mhux biss ta' dak statwit fil-parti dispositiva taghha imma, ukoll, dawk l-enuncjazzjonijiet kontenuti fil-parti razzjonali taghha in kwantu dawn ukoll jikkostitwixxu l-premessi logici-guridici tad-dispositiv. Haga naturali, il-kongruwita tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata trid tigi verifikata fl-ambitu tal-kwestjonijiet sottoposti lill-Qorti, u mill-istess rizolti fid-decizjoni tal-kontroversja skond il-valutazzjoni tal-materjal probatorju;

Anke jekk forsi mhux ghal kollox elaborat jew car jidher, fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-parti motivazzjonali tas-sentenza, illi l-Qorti ta' l-ewwel grad ikkonsidrat l-insjem ta' l-allegazzjonijiet difensivi flimkien ma' dawk l-elementi ta' gudizzju prospettati fil-konkret tal-fattispeci;

Essenzjalment huwa implicitu illi l-ewwel Qorti kkunsidrat l-aspetti segwenti:-

(i) L-allegazzjoni li l-konsenja taz-zebgha kienet *on consignment*, f' liema kaz il-kreditur jkollu biss id-dritt li jircievi l-prezz tal-prodott uzat u r-restituzzjoni ta' dak li ma giex hekk uzat;

(ii) F' kumbinazzjoni ma' dan hemm ukoll il-fatt li donnu l-Qorti accettat il-preposizzjoni illi la darba ttiehdet lura l-*mixing machine* kien mistenni skond il-prattika standard illi l-fornitur jiehu lura wkoll il-prodott inutilizzat;

(iii) Hekk ukoll jidher li l-istess Qorti ma skartatx ghal kollox l-assunt tal-konvenut li seta' kien hemm qbil komuni illi dan il-prodott jittiehed lura;

(iv) Anke jekk l-ewwel Qorti ma accettatx ghal kollox li l-prodott kien difettuz ma setax jonqos li tiehu nota ta' certi accertamenti li saru mill-espert tekniku nkarigat mill-konvenut, ghalkemm anke f' dan ikollu jinghad li aktar minn kwestjoni ta' mera nuqqas tal-kwalita, si tratta aktar minn nuqqas ta' kwalita essenzjali hekk indispensabbli ghall-uzu ghal liema z-zebgha kien iddestinat. Dan dejjem fil-kuntest tal-konfutazzjoni mill-attur tar-rizultanzi accertati;

(v) Minn imkien ma jirrizulta illi l-ewwel Qorti qieset li l-fatturi ma ghandhomx kontenut preciz ta' dak li jghidu izda sempliciment tat wiehed x' jifhem illi dawn ma setghux ikunu influwenti ghad-decizjoni tal-kawza gjaladarba hadd mill-partijiet ma pprova, ghal konvinciment taghha, l-assunti u l-allegazzjonijiet tieghu. Hu wkoll f' din il-kjave li trid tinqara s-sentenza impunjata, anke jekk ikollu jigi ripetut illi din messha kienet aktar kjara ta' l-*iter* logiku segwit;

Mill-kumpless tac-cirkustanzi tal-kaz u fil-presenza tal-konsiderazzjonijiet interpretativi maghmula tas-sentenza appellata ma jidherx li tezisti raguni biex din il-Qorti takkolji l-gravami lilha sottomessi. Certament, imbaghad, mhux l-aggravju ta' l-extra petizzjoni in virtu ta' dak li jinghad *expressis* fl-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi kemm mill-appell principali kif ukoll mill-appell incidentali billi tichadhom it-tnejn u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata.  Kull parti tbati l-ispejjez proprji ta' l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------